MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Numru. 606/2007

PULIZIJA
SPETTUR ANN MARIE MICALLEF
VS
JOHANN BUHAGIAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Johann Buhagiar, iben Alfred u Maria nee' Tabone, imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Settembru 1979, residenti Redentur, Triq Oscar Zammit, Msida u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 447979(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar it-2 ta' Marzu 2007, gewwa Triq Tas-Sliema, Gzira, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBD 837, propjeta' ta' Stefan Briffa, liema hsarat hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) ghad-

dannu ta’ l-istess Stefan Briffa, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.9) u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.
Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa netta ta’ l-imputat u l-fatt li l-imputat hallas ghal hsarat kollha li wettaq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------